# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tnejn, 13 ta' Mejju 2019

## Talba Numru 13/2018SFJ

## *360 Food Imports Limited (C46590)*
## *vs.*
## *Salvu Falzon (53666M)*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2018 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tlett elef u seba' mija u tnejn u erbgħin Ewro (€3,742.00) bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali mit-3 ta' Diċembru 2017 sad-data tal-ħlas effettiv, liema ammont huwa dovut għal merkanzija mibjugħa u ikkonsenjata lill-konvenut.

Ra d-dokumenti mehmuża mal-Avviż tat-Talba li huma *statement* li jindika s-somma mitluba fl-Avviż tat-Talba.

Ra li l-konvenut, debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, baqa' ma ippreżenta ebda risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li s-soċjetà attriċi, fis-seduta tal-10 ta' April 2019, ippreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut li permezz tiegħu riedet tipprova taħt ġurament li huwa debitur tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li fl-udjenza tad-29 ta' April 2019, il-konvenut baqa' ma deherx sabiex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni u sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra li l-avukat tas-soċjetà attriċi, fis-16 ta' April 2019, ippreżenta nota ġuramentata li permezz tagħha ikkonferma li l-ammont mitlub permezz tal-Avviż tat-Talba huwa kollu dovut, u ippreżenta wkoll *Resolution of the Board of Directors* tas-soċjetà attriċi li tindika li huwa kien awtorizzat sabiex jirrappreżenta lill-istess soċjetà attriċi, u dan skont kif ordnat mit-Tribunal.

Ra li fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2019, il-konvenut reġa' ma deherx.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u tqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett elef u seba' mija u tnejn u erbgħin Ewro (€3,742.00) bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali mit-3 ta' Diċembru 2017 sad-data tal-ħlas effettiv.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**